Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 332/2014

**AC Enterprises Limited (appellata)**

**vs**

**Victor Galea u Josephine Galea (appellanti)**

26 ta' Jannar 2018.

**Il-Qorti**,

Rat **ir-Rikors tas-socjeta' AC Enterprises Ltd** tas-6 t'Ottubru 2014 permezz ta' liema talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lill-intimati jhallsuha l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€4,661.94) rapprezentanti bilanc dovut minnhom ghal *stone blocks* mibjugha u kkonsenjati lilhom mill-istess socjeta' rikorrenti fuq inkariku taghhom stess.

Rat **ir-Risposta tal-intimati konjugi Galea tas-6 ta' Novembru 2014**[1] permezz ta' liema ressqu dawn l-eccezzjonijiet: (i) preliminarjament, huma ma humiex il-legittimi kontradditturi ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi l-kunsinna saret fuq struzzjonijiet u a beneficcju ta' VG Tiles Co Limited; (ii) preliminarjament ukoll, l-intimata Joseph Galea ma ghandha x'taqsam xejn mal-kawza stante illi hija mara tad-dar u ma ghandha x'taqsam xejn mad-decizjonijiet kummercjali tar-ragel taghha; (iii) il-blokki kkonsenjati mis-socjeta' rikorrenti ma kinux tal-kwalita' pattwita; u (iv) l-ammont mitlub huwa eccessiv stante illi r-rata miftiehma kienet ta' €100 kull metru kubu u mhux Lm100 kull metru kubu, kif qed tippretendi s-socjeta' rikorrenti.

Rat **is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Novembru 2016** li ddecidiet il-kaz billi laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-intimati *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' erbat elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€4,661.94) rappresentanti bilanc dovut minnhom lis-socjeta' rikorrenti ghal *stone blocks* mibjugha u kkonsenjati lilhom mill-istess socjeta rikorrenti fuq inkariku

[1] Fol 9 et seq

taghhom stess, bl-imghax kif mitlub a karigu ta' l-intimati[2]. Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

L-intimati appellaw u s-socjeta' rikorrenti wiegbet[3]. Waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2017 dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

L-aggravji huma tnejn u jitrattaw l-ewwel u r-raba' eccezzjoni tal-intimati, llum appellanti quddiem l-ewwel Qorti, cioe' li:

1. L-attur m'huwiex legittimu kontradittur ghat-talbiet tal-kumpannija attrici. Il-konvenuta ghamlu l-argumenti taghhom ghalfejn din il-qorti ghandha, *"[….] takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-appellanti Galea u konsegwentement tiddikjara li l-istess konjugi Galea m'humiex il-legittimi kontradittūri f'dawn il-proceduri stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kif fuq indikat u konsegwentement tillibera lill-appellanti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta appellata"*.
2. Il-prezz maqbul bejn il-partijiet kien ta' mitt Ewro (€100) il-metru kubu u mhux mitt lira Maltin (LM100) il-metru kubu.

## Fatti.

i. Is-socjeta' appellata ghandha barriera fis-Siggiewi. L-appellant ordna minghandha diversi blokki tal-gebel qawwi maqtughin mill-istess kumpannija wara li gew immarkati l-blokki maghzula minnu[4];

ii. L-appellant Galea huwa direttur tal-kumpanija VG Tiles Company Limited li tinsab fiz-zona industrijali ta' H'Attard[5];

iii. Il-konsenja saret fil-fabbrika tal-appellant H'Attard fid-19 ta' Frar 2013, fil-21 ta' Frar 2013 u fis-27 ta' Frar 2013[6]. Fuq id-*Delivery Notes* rispettivi, l-ordni tghajjat lil Victor Galea personalment u kien hu stess li ffirma l-konferma tal-konsenja fuq dawn l-istess dokumenti[7];

[2] Ara digriet tal-24 ta' Novembru 2016.
[3] Fol 12 et seq.
[4] Xhieda ta' Anton Camilleri, direttur tas-socjeta' appellata a fol 29.
[5] Xhieda tal-appellant Victor Galea a fol 44.
[6] Fol 3-5.
[7] Xhieda a fol 51.

iv. Id-*Delivery Notes* in kwistjoni ma jindikaw ebda prezz. Fattura datata 5 ta' Frar 2013 mahruga mis-socjeta' appellata telenka l-prezzijiet tal-blokok, kollha bil-munita Ewro ghall-prezz totali ta' €4,661.94, VAT inkluz[8].

**L-ewwel aggravju.**

L-appellanti jsostnu li huma ma kellhomx jitqiesu bhala legittimi kontradditturi ghat-talbiet tas-socjeta' appellata peress li:

a. l-appellata kienet taf tajjeb li l-ordni tal-gebel qawwi in kwistjoni saret mill-appellant ghan-nom u ghall-beneficcju tas-socjeta' VG Tiles Co Ltd;
b. l-ewwel Qorti accettat il-fatt li l-oggetti gew konsenjati fil-fabbrika ta' VG Tiles Co Ltd u ntuzaw minn din is-socjeta' f'*tender* tal-pavimentar bil-pavimentar maqtugh mill-gebel tal-qawwi fil-progett tal-foss tal-Imdina;
c. in-natura tan-negozju kien indubjament wiehed kummercjali anke minhabba t-tunellagg u l-kwantita' taghhom bl-ingrossa u huwa ghalhekk inverosimili fic-cirkostanzi li Victor Galea kien qieghed jithaddet f'ismu personali meta mar ghand is-socjeta' appellata;
e. In linea mal-gurispridenza in materja s-socjeta' appellata hija ragjonevolment tenuta li kienet taf li Victor Galea kien qieghed jinnegozja f'isem VG Tiles Co Ltd, ditta rinomata li ilha topera ghal snin shah.

**Konsiderazzjoni.**

Il-prezunzjoni hi li kulhadd jikkuntratta f'ismu proprju. Tali prezunzjoni tista' tingheleb bi provi kuntrarji.

Rassenja ta' gurisprudenza in materja tinsab fil-kaz **M.C.F. Company Ltd vs Charles Buhagiar et** deciz mill-Prim'Awla fil-15 ta' Gunju 2016[9] -

"*Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:*

*1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha*[10].

*2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed*

[8] Fol 2.
[9] Rik 1008/14LM
[10] **Betti, Teoria generale del negozio giuridico**, 574; **Roppo, Il Contratto** 275; Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n. 987, f'Giur.it., 1985, I,1,1482.

*jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in bona fede u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.*

*3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini*[11]*. Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor*[12]*. Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media*[13]*" - hekk imsejħa contemplatio domini per facta concludentia.*

*"In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito*[14]*".*

*Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" - Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.*

*"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu*[15]*".*

*Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk: "Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li*

---

[11] **Vincenzo Roppo, Trattato del Contratto**, 2006, Vol I, Formazione, paġna 761.
[12] **Frank Cilia noe. vs. Charles Scicluna** (Cit Nru 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992; **Philip Galea Souchet vs. Michael Falla**, Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973; **Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna** deċiża fis-27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerċ, (Vol LXXVI.iv.673); **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima** deċiża fit-30 ta' April, 1992 ,Vol. LXXVI iv 677.
[13] **Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003**, n. 15691, Mass. For. It. 2003
[14] **Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** 10.12.1996, n. 10989, Mass For. It., 1996. Ara wkoll Roppo, op.cit., paġna 766.
[15] **Borg Cold Stores vs. Pickard Mario** – QA (PS) 19.10.2005.

*jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, eċċ relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut (omissis) li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetà M.A.*

*Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet* ***Charles O'Flaherty noe. vs. Joseph Micallef*** *(Ċit. Nru 885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn ilfatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:*

*"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien isir in-negozju inkwistjoni huwa indika lis-socjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu iżda minn soċjetà kummerċjali [16]".*

*4) l-ispendita del nome trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie ffinalizzat[17]. "Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża* ***Vella vs. Vella noe****. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju[18]."*

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)[19]."*

*5) meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha: "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-*

---

[16] **Camel Brand Co. Ltd. vs. Michael Debono** 21.03.2002, Prim'Awla, per Imħallef R.C. Pace.
[17] **Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999.
[18] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon.
[19] **Legend Real Estate Ltd vs. Ron Chetcuti**, il-Qorti tal-Appell.

*Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel[20].” Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ* ***Cilia noe vs. Scicluna*** *(K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u* ***Bonnici noe vs. Grima*** *(K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell* ***Caruana et vs. Magro et*** *tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioè il-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest m'huwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat[21].*

*6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jigi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203… "Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża* ***Formosa et noe vs. Felice*** *tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju[22].”*

Il-qorti tosserva:

i. Li (a) l-appellant Victor Galea huwa direttur tas-socjeta' VG Tiles Company Ltd; (b) li l-konsenja kienet ta' certu tunellagg u li saret fis-sit fejn hemm sitwata l-fabbrika ta' din il-kumpanija; u (c) li originarjament Anton Camilleri ghan-nom tas-socjeta' appellata avvicina lil Galea bi prosposta ta' bejgh ta' blokok tal-gebel billi mar fil-fabbrika f'H'Attard, m'huwiex bizzejjed sabiex il-qorti tikkonkludi li l-konvenut ma kienx il-legittimu kontradittur;

ii. Kien Victor Galea personalment li mar fil-barriera tas-socjeta' appellata u ghamel in-negozju. Ma tressqet l-ebda prova li l-appellant informa lis-socjeta' appellata li kien qieghed jinnegozja ghan-nom ta' VG Tiles Company Limited u li l-fattura kellha tinhareg f'isimha;

---

[20] **Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward) Borg**, Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta' Mejju, 1990.

[21] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon.

[22] Ibid.

iii. Id-*Delivery Notes* kollha li hargu fi tlett okkazjonijiet u fi spazju ta' diversi granet kollha ndikaw li l-"Isem ta' Min Ordna" huwa Victor Galea. Kien ukoll Victor Galea stess li ffirma kull wahda mit-tlett Delivery Notes. Dwar dan, l-unika spjegazzjoni li ta Galea lill-ewwel Qorti fuq domandi taghha stess kienet li, skont hu, dawn saru hazin mis-socjeta' appellata:[23]

*"Il-Qorti: Sur Galea, jiena qieghed nara dawn it-tliet invoices – tliet delivery notes li inti stess ghedtli li ffirmajthom inti. Issa dawka mahrugin kollha f'isem Victor Galea, ghaliex?*

*Xhud: Ghax kitibhom hazin hu; ghax kitibhom hazin hu. Ghax Victor Galea jiena ma nittrejdjax. VG Tiles ittrejdjajna. U hu fejn gie? Gie fil-post ta' VG Tiles, ma giex id-dar tieghi.*

*Il-Qorti: Issa meta inti ffirmajthom, qrajthom dawn id-dokumenti hux hekk?*

*Xhud: Iva*

*Il-Qorti: Dak il-hin ghedtlu xi haga lil min gabhomlok?*

*Xhud: Ma kienx hemm hu. Kien hemm it-tifel tieghu. U jiena ghedtlu li l-invoice huwa tal-VG Tiles. U gbidtlu l-attenzjoni.*

*Il-Qorti: U allura din ma biddilthiex dak il-hin stess?*

*Xhud: Ma biddilthiex, ma biddilthiex ghax ikun xoghol.....*

*Il-Qorti: It-tliet darbiet jigifieri ma biddilthiex.*

*Xhud: ......xoghol ta' malajr.......*

*Il-Qorti: Jigifieri darba fid-19 ta' Frar, darba fil-21 ta' Frar u darba fis-27 ta' Frar; it-tliet darbiet ma biddilthiex?*

*Xhud: Sur Magistrat ma biddilthiex. Jien x'hin gejt kont fuq dik il-heavy machine – fuq il-gaffa, nizzilhomli, gie gabhomli mal-gabina u ffirmajtlu; zammejt kopja jien u tlaqt li 'l hemm. Biss ix-xoghol kollu sar VG Tiles, mhux Victor Galea."*

iv. Huwa altru milli nversomili li l-appellant f'xi hin gibed l-attenzjoni tas-socjeta' appellata li l-konsenja kellha titnizzel fuq VG Tiles Company Limited meta hu volontarjament accetta **kull wahda mit-tlett konsenji intestati f'ismu personalment minghajr diffikulta'.**

---

[23] Fol 54.

v. M'hemmx indizji b'sahhithom li juru li l-attrici kellha tkun taf li Galea nnegozja ghan-nom ta' kumpannija u mhux f'ismu personali.

Fic-cirkostanzi kellha ragun l-ewwel Qorti tikkonkludi li n-negozju sar bejn il-kontendenti fil-kawza. Dan indipendentement mill-fatt li eventwalment tali gebel seta' ntuza mis-socjeta' VG Tiles Co Ltd f'*tender* pubbliku li rebhet.

Fir-rigward ta' Josephine Galea (ara tieni eccezzjoni) m'hemmx aggravju fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza li titratta t-tieni eccezzjoni.

Fl-ahharnett il-qorti tara distinzjoni bejn dan il-kaz u dak li ccitaw l-appellanti fl-ismijiet **Joseph Bugeja et vs Claude Paris u s-socjeta' C & C Caterers Limited** (ara paragrafu 15 tar-rikors tal-appell). F'dak il-kaz il-Qorti kienet laqat l-eccezzjoni ta' Claude Paris, Direttur tas-socjeta' konvenuta, li huwa ma kienx legittimu kontradittur peress li hu mhux biss qatt ma kien ghamel kuntatt mal-atturi izda lanqas qatt ma nnegozja maghhom dwar il-konsenja mertu ta' dawk il-proceduri. Inoltre' l-fatturi mertu tal-kreditu pretiz mill-atturi la kienu ntestati f'isem Paris u lanqas iffirmati minnu. Ghalhekk il-fatti kienu ghal kollox differenti minn dawk tal-kaz in ezami.

L-aggravju huwa michud.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

L-appellanti jikkontendu li l-prezz pattwit ghall-konsenja li saret fl-2013 kien fid-denominazzjoni tal-Ewro u mhux fil-Lira Maltija li kienet ilha li spiccat mis-sena 2008. Inoltre', *Delivery Notes* ezibiti mill-appellanti in atti ghandhom jikkonvincu li l-prezz ta' €233 (LM100) il-metru kubu ghal gebel tal-qawwi in kwistjoni huwa wiehed esagerat. Fil-fehma taghhom ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta tat kredibilita' lill-verzjoni tas-socjeta' appellata li l-ftehim kien bazat fuq LM100 il-metru kubu u mhux €100 il-metru kubu.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Ma hemmx dubju li fil-mument li sar il-ftehim bejn Victor Galea u s-socjeta' appellata, id-denominazzjoni ufficjali tal-munita f'Malta kienet l-Ewro. Madankollu dak li jorbot lill-partijiet huwa effettivament xi ftehmu bejniethom (art.992 tal-Kap 16), ftehim li dwaru nghataw verzjonijiet differenti ghal dak li jirrigwarda l-prezz.

Il-Qorti qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili fil-kaz **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et deciz fl-24 ta` Marzu 2004**[24] –

[24] App Nru 290/01

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista`tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk talkonsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

Anton Camilleri, direttur tas-socjeta' appellata xehed hekk[25] -

*"Dwar rata ahna konna ftehmna li r-rata kellha tkun ta' mitt lira Maltin (Lm100) ghal kull metru kubu tal-gebel excluding VAT.*

*Qed jigi lili mistoqsi partikolari in vista' tar-raba' eccezzjoni ta' l-intimati illi l-ftehim kien ghal mitt Ewro (€100) ghal kull metro kubu u mhux mitt lira Maltin (Lm100): u nghid li mhux minnu, izda ahna konna ftehmna mitt lira Maltin (Lm100) ghal kull metro kubu.*

*Barra jiena ma jidhirli li hawn ebda Barriera ohra li tipprovdi dan il-gebel hawn Malta, izda hemm tnejn jipprovduh Ghawdex. Nixtieq nghid illi din ir-rata ta' mitt Lira Maltin (Lm100) ghal kull metro kubu hija r-rata illi jadoperaw anke dawn iz-zewg Barrieri ohra.*

*Ghal din ir-rata ta' mitt lira Maltin (Lm100) ghal kull metro kubu hija ghal gebel tal-qawwi."*

Stima datata Frar 2015 ezibita minn Camilleri mahruga minn kompetitur taghhom f'Ghawdex Salvu Mintoff and Sons Ltd ghal gebel tal-qawwi tindika l-prezz ta' €256.23 kull metru kubu eskluz il-VAT[26].

Minn naha l-ohra Victor Galea nsista li mas-socjeta' appellata[27] –

[25] Fol 29.
[26] Fol 33.
[27] Fol 49.

*"fil-barriera tieghu ahna ftehmna mitt ewro il-metru kubu. Kien fis-sitta u nofs ta' filghodu jew circa s-sebgha ta' filghodu, mitt ewro il-metro kubu."*

Mistoqsi mid-difensur tieghu biex jispjega kif gie stabbilit dan il-prezz u jekk huwiex il-prezz tas-suq, Galea wiegeb li l-prezz huwa bhal dak li jixtri minn Ghawdex, anzi minn Ghawdex jixtrih irhas ghax jixtrih bil-€95.50-il metru kubu[28].

Galea ezebixxa fattura ta' *Hard Stone Block* li turi prezz ta' €50 kull metru kubu[29] u zewg *delivery notes* ta' Salvu Mintoff & Sons Ltd[30], kif ukoll ricevuta ohra a fol 83 li tindika *"supply of hardstone blocks at 42.37 per cubic metre."*

Anton Camilleri izda rribatta li l-prezzijiet indikati fil-fatturi prezentati minn Victor Galea ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni peress li dawn ma humiex ghal gebel maqtugh bil-magna bhal ma kien dak mibjugh lil Galea mis-socjeta' appellata, izda ghal gebel li jkun tkisser wara li jkunu gew sparati l-isplussivi u per konsegwenza tali gebel ikun aktar irhis peress li jkollu hsarat. Camilleri jzid jghid li Salvu Mintoff & Sons Ltd jikru l-makkinarju tas-socjeta' appellata stess biex jaqtghu il-blokok u allura kieku l-gebel tal-qawwi maqtugh kieu ser ibighuh irhas minn dak tas-socjeta' appellata kienu ser ikunu qed jaghmlu telf – li hu altru milli inverosimili. Camilleri sahaq li l-istima prezentata mis-socjeta' appellata mahruga minghand Salvu Mintoff and Sons Ltd invece hija komparabbli mal-mertu tal-kaz odjern peress li hija mahruga fuq gebel tal-qawwi li hu maqtugh bic-*chainsaw* ukoll[31].

L-appellant pero' nsista li l-gebel tal-qawwi li xtara minn Ghawdex kienu maqtughin dritti bil-makkinarju[32].

Inghad ukoll li l-prezz mitlub lill-appellant mis-socjeta' appellata kien jinkludi t-trasport filwaqt li dak imhallas mill-appellant lil Salvu Mintoff & Sons kien *ex works* u allura transport eskluz[33].

Wara li qieset dawn il-verzjonijiet il-Qorti tissottolinea fl-ewwel lok li, in linea mal-gurisprudenza, in kwantu dan l-aggravju huwa marbut ma kritika tal-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, dina l-Qorti bhala wahda ta' revizjoni qajla tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa fil-prim istanza fuq l-aggravju ta' apprezzament hazin ta' fatti, dment li ma jirrizultax xi zball manifest, jew jekk l-ewwel Qorti tkun waslet ghal konkluzjoni li ma kellhiex tasal ghaliha bir-rizultat li xi parti tkun ser issofri ingustizzja jekk is-sentenza in kwistjoni tibqa' fis-sehh (ara per ezempju **Mattia Preti Limited vs Charmaine Azzopardi**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-27 ta' Mejju, 2016). Ghalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-

[28] Fol 49 *et seq*.
[29] Fol 64.
[30] Fol 65.
[31] Xhieda a fol 70 et seq.
[32] Fol 75.
[33] Xhieda tal-appellant a fol 77.

apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, jekk tara li din setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.

Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-Qorti ma tara ebda ragunament censurabbli da parti tal-ewwel Qorti.

Fl-ewwel lok, kif rikonoxxut anke mill-ewwel Qorti, huwa fatt maghruf li diversi kategoriji ta' nies li kienu mdorrijin juzaw il-lira Maltija, partikolarment haddiema u operaturi ta' xoghol manwali, baqghu jaghmlu l-kalkoli taghhom f'din il-munita. Il-Qorti temmen il-verzjoni ta' Anton Camilleri li meta sar il-ftehim bejn il-partijiet, l-appellant kien jaf u ntqal lilu li r-rata applikabbli kienet mahduma bil-lira Maltija kull metro kubu.

Din il-fehma tal-Qorti hija msahha mhux biss mill-prova tal-istima mahruga minn kompetitur tas-socjeta' appellata fuq blat tal-qawwi mqatta' bil-makkinarju, bhal ma' kien dak odjern (a fol 33) izda wkoll minn dawn il-konsiderazzjonijiet:

i. Il-fattura bil-prezzijiet tal-gebel ordnati mill-appellant indikati kjarament bl-Ewro hija datata 5 ta' Frar 2013[34], u cioe' qabel ma bdew isiru l-konsenji tal-gebel lill-istess appellant. Anke jekk mhux maghruf precizament meta l-appellant gie a konjizzjoni ta' din il-fattura, huwa ferm probabbli li din kienet diga' fil-pussess tieghu meta beda jircievi l-konsenji tant li huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-appellant Galea kien diga' hareg cekk favur is-socjeta' appellata *on account*[35] u dan waqt il-perjodu li l-istess appellant kien qieghed jircievi l-kunsinni minghand is-socjeta' appellata[36].

ii. Anton Camilleri xehed li huwa mar diversi drabi personalment ghand l-appellant biex jitolbu l-hlas dovut u kif qal[37] –

*"Daqqa jghidli "ghaddili xahar iehor ghax ghadhom ma hallsunix" u daqqa gimghatejn ohra u daqqa tlieta…..".*

F'dawn l-okkazjonijiet, ikompli Camilleri, l-appellant qatt ma qajjem xi kwistjoni dwar ir-rata tal-hlas[38] -

*"lili qatt ma semmieli illi kien hemm xi problema dwar il-gebel illi gie pprovdut, u lanqas dwar ir-rata. Kull ma kien jghidli huwa illi kellu l-flus dehlin u kien ser ihallasni aktar tard."*

Dan id-diskors m'huwiex michud mill-appellant u nfatti ma ressaq ebda prova li huwa xi darba, imqar bil-miktub, kien issolleva din il-kwistjoni dwar ir-rata

---

[34] Fol 2.
[35] Xhieda Anton Camilleri a fol 70 u konferma mill-appellant a fol 78 (liema cekk bi zvista gie distrutt minn mart Anton Camilleri – fol 70).
[36] Fol 78.
[37] Fol 70.
[38] Fol 30.

tal-hlas jew id-denominazzjoni tal-munita li dwarha kienu ftehmu. Dan kollu jkompli jimmilita lejn kredibilita' favur it-tezi tas-socjeta' appellata.

Dan l-aggravju ghalhekk sejjer jigi michud ukoll.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Galea.**

Anthony Ellul.